Insett qerriedi huwa viċin tagħna

Il-Malta Beekeepers' Association toħroġ direttiva għall-membri tagħha sabiex ħadd ma jimporta naħal miż-żona tal-Italja inkluża Sqallija. Dan għaliex instgħabet mill-ġdid il-ħanfusa ż-żgħira tal-miġbaħ (small hive beetle) ġewwa Sqallija https://www.izsvenezie.com/aethina-tumida-in-italy/?fbclid=IwAR3kqZXwStXnuEZT8bOndvZ1wgznRFTHA9tLRwDG9YZhOdyd7ilpSb_7HTQ. Filwaqt illi nazzjonijiet oħra jaffordjaw illi jikkumbattu din il-ħanfusa billi jeqirdu l-kaxxi tan-naħal, f'Malta din tfisser il-qerda totali tan-naħal lokali.

Għalhekk ma nistgħux nippermettu li din tidħol fi xtutna. Inħeġġu wkoll l-entitajiet koncernati fosthom id-Direttorat tal-veterinrarji u regolazzjoni (VRD) u l-Awtorita għal Ambjent u Riżorsi (ERA) sabiex jieħdu deċiżjonijiet għaqlin fejn jidħlu naħal u biex jgħarfu nagħmlu użu tar-riżorsi uniċi tagħna permezz tal-iżolament naturali illi joffrulna il-gżejjer tagħna. Għaldaqstant lMBA tappella biex toħrog ordni nazzjonali li twaqqaf kull tip ta' importazzjoni ta' naħal miż-żoni kollha affetwati bl-*Aethina tumida* biex nassiguraw li n-naħal tagħna ma jkunx affetwat minn dan l-insett.

The destructive insect is near

The Malta Beekeepers' Association issues a directive for its members so that imports from Italy and Sicily areas are stopped at once. This is due to the recent rediscovery of the small hive beetle (SHB) in the neighbouring island of Sicily https://www.izsvenezie.com/aethina-tumida-in-italy/?fbclid=IwAR3kqZXwStXnuEZT8bOndvZ1wgznRFTHA9tLRwDG9YZhOdyd7ilpSb_7HTQ. Whilst other states can eliminate this beetle by mass destruction of beehives, in Malta this means the total destruction of the local honey bees.

Therefore the introduction of such pest on our islands is not to be risked. We encourage the concerned entities especially the Veterinary Regulation Directorate (VRD) and the Environment and Resources Authority (ERA) to take wise decisions where honey bees are concerned and to learn make use of our unique resources with the natural isolation that our islands offer. Therefore the MBA requests that a national order to stop every importation of honeybees from every zone aaffected with the *Aethina tumida* to ensure that our honeybees will not be affected by this insect.